# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**
**vs**
**Omissis u Anthony Camilleri (ID228266M)**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputati **Omissis u Anthony Camilleri (ID228266M)** fejn ġew mixlija talli bejn is-snin 2010, 2011 u 2012 fil-fond 35, 36, 37 u 38 fi Triq san Pawl Bormla mingħajr il-permess tal-Awtorita u jew liċenza tal-kunsill lokali relattiv bnew jew għamlu xi ħaġa fit-toroq li tista' ġġib xkiel jew perikolu jew inkommodu lill-publiku inkella ħallew wara li ġew imwissija mill-pulizija jew minn gwardjani lokali bini jew opri fi stat ta' tiġrif jew ta' perikolu għan-nies għal ħwejjeġ ħaddieħor.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Semgħat ix-xhieda prodotti f'dan il-każ;

Semgħat it-trattazzjoni tal-partijiet;

*Ikkunsidrat :-*

Jibda biex jingħad li r-regolament 38 tal-Avviż Legali 29 tal-2010 jaqra hekk -

**38.** Ħadd ma jista', mingħajr il-permess tal-Awtorità u, jew il- liċenza tal-Kunsill Lokali relattiv, jibni jew jagħmel ebda ħaġa fit- toroq li tista' ġġib xkiel jew periklu jew inkomodu lill-pubbliku, inkella jħalli, wara li jiġi mwissi mill-Pulizija jew minn gwardjan lokali, bini jew opri oħra fi stat ta' tiġrif jew ta' periklu għan-nies jew għal ħwejjeġ ħaddieħor.

L-ewwel parti tal-istess regolament mhix rilevanti għal dan il-każ peress li minn imkien ma jirriżulta pruvat li xi ħadd mill-imputati mingħajr il-permess tal-Awtorità u, jew il-liċenza tal-Kunsill Lokali relattiv, bena jew għamel xi ħaġa fit-toroq li setgħet ġġib xkiel jew periklu jew inkomodu lill-pubbliku.

Jekk xejn huwa t-tieni parti tal-istess regolament li jista' jkun ta' rilevanza għal dan il-każ – jiġifieri fis-sens li ħadd ma jista' jħalli, wara li jiġi mwissi mill-Pulizija jew minn gwardjan lokali, bini jew opri oħra fi stat ta' tiġrif jew ta' periklu għan-nies jew għal ħwejjeġ ħaddieħor. Dan jirrifletti d-diċitura ta' dak li kien l-Artikolu 25 tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta qabel ġie abrogat u ntrodott mill-ġdid bħala regolament 38 tal-Avviż Legali 29 tal-2010.

Sabiex jiġi integrat dan ir-reat, iridu jikkonkorru s-segwenti ċirkostanzi :

1. li jkun hemm bini li jkun *jew* fi stat ta' tiġrif *jew* ikun ta' perikolu għan-nies jew għal ħwejjeġ ħaddieħor;
2. li jkun hemm persuna responsabbli minn dan il-bini;

3. li din il-persuna tkun ġiet imwissija, ċjoe' infurmata jew avżata bl-eżistenza tal-istat ta' tiġrif *jew* perikolu minn gwardjan lokali jew minn aġent tal-Pulizija;
4. li għalkemm tkun saret din it-twissija, dik il-persuna responsabbli tħalli dak il-bini fi stat ta' tiġrif jew perikolożita'.[1]

1. Kwantu għall-ewwel element, din il-Qorti hija moralment konvinta minn dak li rat u semgħet li l-fondi in kwistjoni huma in parti fi stat ta' tiġrif, u in parti fi stat ta' perikolu għan-nies, għalkemm il-perikolu skont ir-relazzjoni peritali mhux neċessarjament imminenti. Biss kif intqal fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Thomas Agius*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Settembru 2001, mhux meħtieġ mill-Liġi li l-perikolu jkun ukoll imminenti għaliex minn imkien din il-kwalifika ma tirriżulta mill-Liġi, għalkemm dik il-Qorti ħasset li l-perikolu jrid ikun wieħed attwali. Dan l-ewwel element jirriżulta soddisfatt fis-sens li mill-provi prodotti jirriżulta li huwa minnu li l-proprjeta imsemmija fil-komparixxi u ċjoe' l-fond 35, 36, 37 u 38 fi Triq San Pawl, Bormla matul il-perjodu 2010 u 2012 kien jinsab in parti fi stat ta' tiġrif, jekk mhux ukoll ta' perikolu għan-nies jew għal ħwejjiġhom.

2. Kwantu għall-ħtieġa li jkun hemm persuna responsabbli, fis-sens li jrid jiġi determinat għal min japplika dan ir-regolament, din il-Qorti sejra tagħmel riferenza għall-dak li ntqal fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija***

[1] Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenza eżibita ***Il-Pulizija vs Dr. Vittorio Ragonesi*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 2003.

***vs John Vella*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, per Prim'Imħallef Emeritus Vincent de Gaetano deċiż nhar il-25 ta' Ġunju 2001 : -

3. Kif gie ritenut diversi drabi minn din il-Qorti, dana l-Artikolu 25 ma jirreferi ghal ebda persuna specifika jew kategorija ta' persuni: "Hadd ma jista'...ecc.". L-obbligu mpost bit-tieni parti ta' dana l-artikolu qieghed, ghalhekk, fuq kull persuna li b'xi mod ghandha kontroll effettiv fuq, u ghalhekk tista' effettivament tnehhi, il-perikolu esistenti, sia jekk dik il-persuna hija s-sid jew l-inkwilin jew id-detentur jew l-amministratur tal- fond, bini jew opra li tkun, salv, naturalment, kwalsiasi dritt ta' risarciment ta' l-ispejjez li dik il-persuna jista' jkollha fil-konfront ta' persuna jew persuni ohra (ara f'dan is-sens ***Il-Pulizija v. Robert Grech*** App. Krim. 30/9/94, ***Il-Pulizija v. Innocenzo Galea*** App. Krim. 10/7/98, ***Il-Pulizija v. Catherine Cauchi*** App. Krim. 6/10/98). Qorti ta' Gustizzja Kriminali fl- applikazzjoni ta' dana l-Artikolu 25 m'ghandhiex toqghod tidhol fi kwistjonijiet ta' obbligazzjonijiet ta' natura civili; l-iskop tad- disposizzjoni in ezami hu li jitnehha malajr kemm jista' jkun il- perikolu mill-persuna li tista' effettivament thennieh ghax ikollha b'xi mod kontroll effettiv fuq dak il-bini jew opra ohra. Jista' jaghti l-kaz ukoll li jkun hemm zewg persuni jew aktar li b'xi mod ikollhom kontroll effettiv kontemporaneament ta' post, bhal, per ezempju, is-sid tal-post jew l-amministratur u fl-istess hin l-inkwilin. F'dan il-kaz kull wiehed minnhom, jew anke wiehed minnhom biss, jista' jigi msejjah mill-Pulizija biex inehhi l-perikolu, f'liema kaz l-obbligu mpost bl-Artikolu 25 ikun jinkombi fuq dik il-persuna li tkun giet hekk imsejjha u mwissija mill-pulizija. Dak li l-Qorti trid tara hu jekk il-persuna li tkun giet imsejjha u mwissija ghandhiex b'xi mod kontroll effettiv fuq il- bini jew opra ohra in kwistjoni b'mod li tista' effettivament tnehhi l-perikolu.

Issa f'dan il-każ ġew imħarkin Omissis u Anthony Camilleri.

Kwantu għal Anthony Camilleri, mill-provi miġbura din il-Qorti ma għandha ebda prova li torbtu mal-fondi in kwistjoni jew parti minnhom ħlief għal parti mid-deposizzjoni tal-ko-imputat li timplika lil Anthony Camilleri. Biss din il-Qorti hija prekluża milli tikkonsidra dik il-parti

tad-deposizzjoni tal-ko-imputat in kwantu kif ġie ritenut diversi drabi mill-Qorti Kriminali u l-Qorti tal-Appell Kriminali :

> Jghidu x'jghidu ko-imputati jew ko-akkuzati kontra xulxin qatt ma jista' jiswa bhala prova kontra l-ko-imputat/i jew ko-akkuzat/i iehor jew ohrajn. Din ir-regola giet sahansitra interpretata w estiza mil-gurisprudenza biex anki tkopri kazijiet fejn persuni li jkunu akkuzati bl-istess reat imma fi proceduri separati l-anqas ma jkunu producibbli kontra xulxin, hlief meta il-process tax-xhud ikun gie deciz definittivament. Hu biss hawn li mbaghad tiskatta r-regola procedurali kontenuta fl-artikolu 639(3)....

Dan ifisser li l-Prosekuzzjoni naqset li tipprova sal-grad rikjest mil-Liġi li Anthony Camilleri kellu xi forma ta' kontroll aktar il-fuq imsemmi fuq xi fond jew parti minn dawk imsemmija fl-imputazzjoni. Stante li dan l-element huwa nieqes, din il-Qorti ma għandhiex għaliex tkompli bl-analiżi tagħha tal-kumplament tal-elementi ta' dan ir-reat.

# *Deċide*

Li għar-raġunijiet premessi qegħda ssib lill-imputat Anthony Camilleri mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontih u tilliberh minn kull ħtija u piena.

***Mogħtija illum it-30 t'Ottubru 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***